Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 15**

**Data:** Il-Ħamis, 28 ta' Marzu 2023
**Ħin:** 17:45
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru

**Attenda Online**
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru

**Skużat**
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**15.1 Ittri ta' apoloġiji**

15.1.1 Il-President semma li -Sur Clifford Galea, is-Sur Steven Axisa u Dr. Samuel Azzopardi talbu li jkunu skużati minħabba impenji reltati ma' xogħol jew ma' safar. Filwaqt li semma li s-Sur Sandro Azzopardi minħabba xogħol ieħor talab li jidħol għall-laqgħa b' mod virtwali.

15.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti jitniżlu bħala skużati.

**15.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 14**

15.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

15.2.2 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**15.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 15**

15.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Max Zammit u Chev. Paul Farrugia, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 ta' Frar 2023 u t-28 ta' Marzu 2023 li kienet tammonta għall-€514,485.15.

**15.4 Punti li joħorġu mill-minuti**

| | |
|---|---|
| **15.4.1 Social Impact Assessment** | Il-President semma li kien hemm xi Reġjuni li fil-bidu kien bi ħsiebhom joħorġu sejħa imma wara ddeċiedew li jmorru dirett ma' l-Universita' ta' Malta sabiex isir dan l-istudju. |
| **15.4.2 Railings tal-gallariji** | Il-President semma li kien tqbbad kntrattur ieħor hekk kif l-ewwel kuntrattur li tqabbad waqaf mix-xogħol ħasrem u marx aktra fuq il-post. Il-President sema li kienu talbu lill-ewwel kuntrattur sabiex jiġi jneħħi l-partijiet tal-aluminium li kien waħħal. |
| **15.4.3 Roof Garden** | Il-President semma li wara l-Assoċjazzjoni ħadet il-passi kollha neċessarji anki legalment. Il-Kuntrattur kien ġie sabiex jirrimedja u beda proċess sabiex jaqla' l-pjanti u jerġa' jagħti membrane mill-ġid. Il-Presidet semma wkoll li kienet infetħet claim mal-polza tal-assigurazzjoni għll-ħsarat li kienu ġew |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

ikkażati.

| | |
|---|---|
| **15.4.4 ECAD** | Il-President semma li kienu għaddejjin il-preparamenti kollha u li fil-jiem li ġejjin kienu ser jinfetħu r-reġistrazzjonijiet. Semma li kienu intbgħatu wkoll l-istediniet. |
| **15.4.5 ELDW** | Il-President semma li l-AKL ser tkun qed tissottometti l-interess li ser tkun qed tippartecipa fil-inizjattivi ta' din is-sena organizzati mill-ELDW.<br>L-Assoċjazjoni ser tkun qed tissottometti l-attivitajiet tal-ECAD kif ukoll tal-Covenant of Mayors li ser isiru fix-xhur li ġejjin. |
| **15.4.6 Tribunal Industrijali ex-SE AKL** | Il-President semma li kienet saret is-seduta li kienet l-aħħar waħda għall-kontro-eżami min-naħa tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Semma li kien ingħata ċans sa l-aħħar t' April biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu l-avukat ikkommisjonat mill-Assoċjazzjoni, sa l-aħħar ta' Mejju biex tagħmel is-sottomissjonijiet il-parti l-oħra u jkun hemm konklużjoni tas-seduta f' Ġunju b' deċiżjoni mingħand chairperson. |
| **15.4.7 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li kienet qed tiġi koordinata laqgħa bejn il-partijiet. Semma li kien għad ma nstabitix data. |

**15.5 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **15.5.1 Projects Green** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet issottomettiet l-applikazzjoni kompluta fil-ħin. |
| **15.5.2 Bus Shelters** | Il-President semma li li jidher li ser ikun hemm progress wara laqgħat bejn il-partijiet sabiex finalment ikun hemm qbil dwar it-triq 'l quddiem fuq il-Bus shelters. Semma li ser ikun hemm laqgħa finali nhar 3 t' April 2023. |
| **15.5.3 CEMR** | Il-President semma li CEMR ma laqax l-ismijiet nominati fuq il-Board tal-Policy Committee peress li l-kompożizzjoni tal-board ma kinitx leħqet il-kwota tal-ġeneru. Għaldaqstant il-President talab lill-Membri sabiex sal-laqgħa li jmiss jipproponu Membri Eletti nisa sabiex potenzjalment waħda minnhom tiġi nominata fuq il-Policy Board. |
| **15.5.4 Delegazzjoni minn Nepal** | Il-President semma li minħabba problemi loġistiċi sabiex jagħmlu l-Visa, iddeċiedew li jibdlu l-intinerarju u jiġi Malta lejn l-aħħar ta' Mejju. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**15.5.5 Foundation for Social Wellbeing**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet talbet għal-laqgħa mal-Fondazzjoni rigward il-proġett ta' Kunsill Reġjonali ta' Tfal imma din il-laqgħa kienet għada ma gitx skedata min-naħa tal-Fondazzjoni. Semma li l-Assoċjazzjoni irċeviet ittra mingħand id-Diviżjoni sabiex l-fondazzjoni tkun infurmata li d-Diviżjoni mihix ser tati aktar fond lill-fondazzjoni fuq dan il-proġett li peress li s'issa fi kważi sentejn kien għadu ma sar xejn. Il-President sema li l-Assoċjazzjoni kienet bagħtet l-istess ittra lill-Fondazzjoni.

**15.5.6 Taħriġ tal-impjegati**

Il-President semma li kien beda t-taħriġ imfassal fuq il-Psychometric tests li kienu għamlu l-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni. Semma li b' kollox ser ikun hemm hemm 10 sessjonijiet ta' sagħtejn il-waħda.

**15.5.7 Taħriġ fuq il-kitba tal-Minuti**

Il-President semma li wara t-taħriġ li kien sar fuq l-istess suġġett, dawk preżenti wrew interess li jkollhom taħriġ fuq livell aktar bażiku ta' kif wieħed jieħu n-notamenti waqt laqgħa u x' għandu jikteb. Il-President semma li ser ikunu organizzati żewġ sessjonijiet waħda f' Malta u oħra f' Għawdex fuq is-suġġett.

**15.5.8 ERASMUS+**

Il-President semma li l-AKL kienet qed taħdem ma' VismedNet fuq il-proġett Place for Play. Fejn kien ġie propost li l-Assoċjazzjoni tissottometti proġett flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali ġewwa l-Italja fuq dan is-suġġett. Il-President semma li l-applikazzjoni kienet ġiet sottomessa fil-ħin.

**15.5.9 FEE Fest**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ipparteċipat fl-FEE Fest li sar ġewwa l-iskola Primarj ata' Ħaż-Żebbuġ. Il-President semma li dan kien exposure tajjeb għall-Assoċjazzjoni fejn kien hemm l-opportunita' li tiltaqa' ma' diversi studenti u tati spjega tal-irwol tal-Assoċjazzjoni u x' inhuwa Reġjun u Kunsill Lokali.

**15.5.10 Konsultazzjoni Bus Lanes**

Il-President semma li nhar 13 t' April, l-Assoċjazzjoni ġiet mistiedna mill-Onor Aron Farrugia flimkien mal-Onor. Alison Zerafa Civelli sabiex bħala stakeholders jikkonsultaw il-proposta ta' introduzzjoni ta' bus lanes. Il-President semma li ser ikun qed iħejji doukument li ser jitpoġġa għad-diskussjoni.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **15.5.11 Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali** | Il-President informa li d-Dipartiment kien ħarep emenda u kjarifika fuq l-avviż legali rigward ħruġ ta' 'permessi mill-Kunsilli Lokali. |
| **15.5.12 European Urban Initative** | Il-President semma li waqt Cities Forum li għalih attendiet is-Segretarju Eżekuttiv kien hemm kuntatt mal-EUI. Semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tissottometti l-interess tagħha sabiex tkun involuta fil-peer to peer review kif ukoll tipparteċipa fil-capacity building sessions. Semma li din tkun ukoll opportunita' għall-Uffiċjali Maniġerjali. |
| **15.5.13 Covenant of Mayors** | Il-President semma li s-Sur Pedro Bizzaro ser ikun ġej Malta nhar 21 t' April sabiex titella' konferenza oħra fuq is-suġġett u kif il-Kunsilli Lokali jistgħu jfasslu SECAPs. |
| **15.5.14 Talba għal-Laqgħa md-Direttur Ġenerali u s-Segretarju Permanenti** | Il-President semma li min-naħa tiegħu kien għadu qed jistenna data u ħin għal-laqgħa li talab diversi darbi sabiex jiġu diskussi punti importanti li ħafna minnhom qed jaffetwaw kemm lill-Kunsilli kif ukoll lir-Reġjuni. |
| **15.5.15 #Space place for women** | Il-President semma li rċieva mingħand PES sabiex l-Assoċjazzjoni flimkien ma' dawk il-Kunsilli Reġjonali u Lokali li jkunu interessati jiffirmaw id-dikjarazzjoni simbolika sabiex jippromovu li l-lokal tagħhom huwa sigur għan-nisa.<br>Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Max Zammit, kien hemm qbil l-Assoċjazzjoni għandha tiffirma d-dikjarazzjoni kif ukoll jiċċrikola l-informazzjoni mal-Kunsilli. |
| **15.5.16 Laqgħa minn Diretturi / Aġenzji etc** | Il-President semma li jinstab urtat kif diversi entitajiet u anki Direttur jsejħu laqgħa, workshops jew sessjonijiet ta' taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi jew ħaddiema mingħajr biss l-kirjanza li jinfurmaw lill-Kunsill. Semma li huwa wkoll obbligu tas-Sindku jew il-President Reġjonali li jkun jaf x' laqgħat u x' diskussjonijiet qed jissieħbu fihom il-ħaddiema. |
| **15.5.17 Ġemellaġ** | Il-President semma li kif inhu l-proċess legali, id-dipartiment għadda għall-approvazzjoni tal-Assoċjazzjoni ġemellaġ li kien ser isir bejn il-Belt ta' Telaviv u l-lokalita' tal-Birgu. Il-President semma li mar-rikjesta tal-approvazzjoni fl-istess jum wasal l-Assoċjazzjoni stedina mill-Kunsill għall-iffirmar. Il-President semma li minkejja li l-Assoċjazzjoni qatt ma waqfet ġemellaġ imma lanqas m' hi ser taċċetta li tkun biss siġil fuq dak li jkun diġa sar jew qiegħed fi stadju bikri ta' preparamenti meta |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

suppost għadu fi stadju ta' approvazzjoni.
Is-Sur Charles Bonello semma li wieħed irid joqgħod attent f' dawn iċ-ċirkustanzi għaliex ċerti ġemelaġġi jafu jġibu relazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi probblematiċi li eventwalment tidħol id-Diplomazija fuq bażi Nazzjonali.

**15.5.18 Konferenza organizzata mit-Times of Malta**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għall-konferenza organizzata mit-Times of Malta rigward Social, Economic and Governance Sustainability. Semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tipparteċipa f' taħdidiet simili fix-xhur li ġejjin.

**15.5.19 Planet Youth**

Il-President semma li l-President tal-Assoċjazzjoni u s-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna minn kelliem li ser jikkontribbwixxi fil-konferenza tal-ECAD sabiex jattendu għall-konferenza ġewwa Ruma.

**15.5.20 Disability Forum**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għal-laqgħa oħra ta' Disability Forum. F' din il-laqgħa kien diskuss l-aspett ta' impjig u persuni b' diżabbilita'.

**15.5.21 Bolt**

Il-President semma li kien iffirmat MoU mal-kumpanija Bolt sabiex jintuża s-servizz skond il-bżonn. Il-President semma li dan is-servizz l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tużah l-aktar għal meta jkunu hemm delegazzjonijiet li għandhom bżonn internal transfers.

**15.5.22 ERA – Air Qaulity Board**

Il-President semma li kien appuntat fuq board kompost mill-ERA li ser ikun qed ikompli jara rakomandazzjonijiet fuq miżuri għall-titjib fil-kwalita' tal-arja.

**15.5.23 European Week of Regions**

Il-President semma li din is-sena ser tkun organizzata ġewwa Brussel bejn 9 u 13 t' Ottubru 2023. Il-President semma li hemm l-applikazzjonijiet miftuħin sabiex pajjiżi li huma interessati li jorganizzaw workshops ġewwa Brussel fuq waħda mit-temiet ikunu jistgħu jagħmlu dan. Il-President talab lis-Sur Anthony Chircop u lis-sur Stephen Sultana sabiex jaraw ftit jekk għandhomx ċans jaħdmu fuq proposta.

**15.5.24 Management Letter Reply**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni issottomettiet l-management letter reply wara li kienet ġiet iċċirkulata mal-Eżekuttiv permezz ta' korrispondenza elettronika. Il-President semma li rimarki kienu tnejn relatati ma' żball uman waqt l-inputting u oħra mal-workigs ta' IFRS16. Semma li is-Segretarju, flimkien mal-ħadiem li jieħu ħsieb l-Accounts u l-accountant ser

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

jattendu sessjoni ta' taħriġ fuq kif tinħadem IFRS16.

**15.5.25 MoU LESA – 10%**

Il-President semma li kien iffirmat ftehim sabiex il-Kunsilli Lokali jibbenifikaw minn 10% ta' dħul relatat ma' kontravenzzjonijiet minn cameras.
Is-Sur Stephen Sultana semma li l-Aġenzija LESA m' għandhom jagħżlu liema cameras jieħdu imma għandhom jieħdu kollox taħt is-sorveljanza tagħhom.
Is-Sur Charles Bonello semma li ma jaqbilx li cameras li tpoġġew bħala sorveljanza f' daqqa waħda jibdew jagħtu l-multi.

**15.5.26 Compensation Scheme**

Il-President semma li d-Dipartiment tal-Kuntratti ħareġ skema ta' kumpens għall-Kuntratturi sabiex ikollhom dritt għall-varjanzi għal spejjeż addizzjonali li jista' jkun hemm minħabba żieda fil-prezzijiet relatat mal-Gwerra fil-Ukrajina.
Il-President semma li hemm Kunsilli li għandhom talbiet għal;-eluf. Semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed titlob direzzjoni ta' avukat sabiex tkun f' pożizzjoni li tati gwida lill-Kunsilli li jkollhom bżonnha.

**15.5.27 Skema ta' Sapport Mentali**

Il-President propona li l-Assoċjazzjoni għandha tfassal programm ta' sapport mentali kif ukoll morali għall-Membri Eletti li jkollhom problemi familjari, fuq xogħol, fil-Kunsill li bihom ikun qed tiġi impatta r-relazzjoni tal-individwu mal-kumplament. Semma li dan is-servizz irid jingħata bi professjonalita' u b' mod kunfidenzjali għall-aħħar.
Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva din il-proposta.

## 15.6 Aġġornament

15.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-seba' u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' l-Erbgħa, 19 t' April 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.16 li nżammet nhar l-Erbgħa, 19 t' April 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**